MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 16/2006/1

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara u Spettur Dennis Theuma)**

**v.**

**Joseph Lebrun**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza Kostituzzjonali u Konvenzjonali taghha, fis-27 ta' Gunju 2006 li permezz taghha ddecidiet kwistjoni kostituzzjonali riferuta lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja. Ikun opportun, ghall-ahjar intendiment ta' dan il-gudikat, li jinghata l-isfond fattwali u legali tal-kwistjoni kollha.

**2.** Joseph Lebrun tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-6 ta' Settembru 2005 akkuzat b'diversi reati skond l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, Kap. 101 (senjatament assocjazzjoni, importazzjoni, traffikar u pussess ta' erojina) kif ukoll li huwa recidiv. Peress illi l-ordni ta' l-Avukat Generali skond l-Artikolu 22(2) ta' l-imsemmi Kap. 101 kien li l-imsemmi Lebrun ghandu jigu ggudikat mill-Qorti Kriminali, il-Qorti tal-Magistrati ghaddiet ghall-istruttorja skond il-ligi. Fi tmiem l-istruttorja, u cioe` fl-istadju kkontemplat fl-Artikolu 401(2) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti Istruttorja iddecidiet, b'digriet moghti fit-23 ta' Novembru 2005, li ma kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat Lebrun jitqieghed taht att ta' akkuza u lliberat (ossia helset, bl-ingliz *"discharged"* mhux *"acquitted"*) lill-istess imputat. Dik il-Qorti, kif rikjest mil-ligi, baghtet l-atti lill-Avukat Generali.

**3.** L-Avukat Generali ipprevalixxa ruhu minn dak li jipprovdi s-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 433[1] tal-Kodici Kriminali, u wara li kkonsulta ma' Imhallef li ma joqghodx ordinarjament fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali jew fil-Qorti Kriminali, hareg l-appozitu mandat ta' arrest fis-7 ta' Dicembru 2005. Il-Pulizija Ezekuttiva, in forza ta' dak il-mandat, irriarrestat lil Joseph Lebrun u l-ghada, 8 ta' Dicembru 2005, regghet ressqitu quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja. Fl-udjenza tat-8 ta' Dicembru 2005[2], l-imputat, tramite d-difensuri tieghu,

[1] 433(3): "Fl-ahharnett, l-Avukat Generali jista', fi zmien xahar minn dak in-nhar li jkunu gew lilu mibghuta l-atti tal-kumpilazzjoni, johrog mandat taht il-firma tieghu ghall-arrest ta' persuna illiberata mill-Qorti tal-Magistrati, meta huwa u wiehed mill-imhallfin, barra minn imhallef li ordinarjament joqghod fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali jew imhallef li ordinarjament joqghod fil-Qorti Kriminali, ikun jidhrilhom li hemm ragunijiet bizzejjed biex dik il-persuna tigi mqieghda taht att ta' akkuza; u f'dan il-kaz, iz-zmien ghal prezentata ta' l-att ta' akkuza jibda jghodd minn dak in-nhar ta' l-arrest."

[2] Ara fol. 455 tal-attijiet ta' l-Istruttorja.

irrizerva d-dritt li fi stadju ulterjuri jissolleva kwistjoni kostituzzjonali dwar il-procedura skond l-Artikolu 433(3), filwaqt li ghamel xi sottomissjonijiet ohra dwar xi rekwiziti formali tal-mandat mahrug taht il-firma ta' l-imsemmi Avukat Generali. Lebrun inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija[3]. Wara li l-kumpilazzjoni giet ri-assenjata lil Magistrat iehor, fl-udjenza ta' wara – dik tat-28 ta' Dicembru 2005 – l-imputat rega' rrizerva l-posizzjoni tieghu fir-rigward tal-kwistjoni kostituzzjonali. F'din l-udjenza tat-28 ta' Dicembru 2005 effettivament kullma sar kien li l-Qorti Istruttorja regghet irrinvjat l-atti lill-Avukat Generali.

**4.** Meta issa l-atti kienu ghand l-Avukat Generali, Lebrun, fit-13 ta' Jannar 2006 pprezenta rikors fil-Qorti Kriminali li permezz tieghu huwa talab li jigi liberat skond l-Artikolu 602[4] tal-Kodici Kriminali. B'decizjoni moghtija mill-Qorti Kriminali fit-18 ta' Jannar 2006, it-talba ta' Lebrun giet michuda.

**5.** L-Avukat Generali, b'nota ta' rinviju datata 30 ta' Jannar 2006, u konformement ma' gurisprudenza kostanti (riflessa anke in parti fid-digriet tal-Qorti Kriminali tat-18 ta' Jannar 2006, appena msemmi), baghat lura l-atti lill-Qorti Istruttorja biex din tisma' aktar provi. Fl-udjenza quddiem l-imsemmija Qorti Istruttorja tat-22 ta' Frar 2006, l-imputat, tramite d-difensuri tieghu, allega ksur ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (hawn aktar 'l quddiem, il-Konvenzjoni) minhabba l-procedura adoperata mill-Avukat Generali, u cioe` l-procedura taht l-imsemmi Artikolu 433(3) tal-Kodici Kriminali. Fi kliem l-istess imputat (appellant f'dawn il-proceduri) kif registrati quddiem il-Qorti Istruttorja fl-imsemmija udjenza tat-22 ta' Frar 2006:

---

[3] Fol. 461 u 462 ta' l-attijiet ta' l-Istruttorja.

[4] Art. 602: "Meta l-att ta' l-akkuza ma jigix ipprezentat fiz-zmien li jmissu, il-Qorti tista', fuq talba ta' l-imputat, u wara li tisma' l-Avukat Generali, tordna li l-imputat jigi illiberat, u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 434 ghandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw: Izda din id-disposizzjoni ma tghoddx, jekk fiz-zmien li ssir it-talba hawn fuq imsemmija, l-att ta' akkuza jkun gie ipprezentat."

**"…[i]l procedura li ntuzat mill-Avukat Generali biex l-imputat jerga' jigi mqieghed taht att ta' akkuza kiser jew x'aktarx kiser[5] id-dritt fundamentali tieghu ta' smigh xieraq kif provdut u sancit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali…Fil-procedura wzata mill-Avukat Generali…l-imputat jikkontendi illi ma gietx applikata r-regola tal-'equality of arms'…Inoltre l-Avukat Generali, permezz ta' din il-procedura ikun sia l-prosekuzzjoni kif ukoll il-gudikant tal-imputat…L-imputat ghalhekk jirrileva li l-procedura taht l-Artikolu 433(3) tal-Kap. 9 ma taghtix garanzija sufficjenti li d-dritt tieghu ghal smigh xieraq jigi issalvagwardjat hekk kif espress fl-Artikolu 6…"**

**6.** Bazikament Lebrun qed jallega li peress li d-decizjoni li ma kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex huwa jitqieghed taht att ta' akkuza giet kapovolta u revokata b'decizjoni mehuda fil-privat mill-Avukat Generali u minn Imhallef u ghalhekk minghajr ma huwa nghata l-opportunita` li jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu, huwa jigi li ma nghatax, jew x'aktarx mhux ser jinghata, smigh xieraq bi ksur tal-imsemmija disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. Huwa jinvoka in partikolari l-kuncett ta' "equality of arms" u l-principji *audi alteram partem* u *nemo iudex in causa propria*. B'digriet moghti fit-22 ta' Frar 2006 mill-Qorti Istruttorja, wara li dik il-Qorti ddecidiet li l-kwistjoni sollevata ma kienetx wahda frivola jew vessatorja, irriferiet l-istess kwistjoni lill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza Kostituzzjonali u Konvenzjonali taghha. Il-Qorti Istruttorja ssospendiet l-istruttorja *sine die* sa ma l-istess kwistjoni tigi deciza.

**<u>Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti</u>**

**7.** Kif inghad, b'sentenza moghtija fis-27 ta' Gunju 2006, il-Prim Awla ddecidiet li l-procedura kontemplata fl-Artikolu 433(3) tal-Kodici Kriminali u l-agir ta' l-Avukat Generali fil-kaz *de quo* ma kienux lezivi ta' l-Artkoli 39 tal-

[5] Il-Qorti hawn tifhem li proprjament l-imputat ried ighid "aktarx ser tikser".

Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni u ordnat li kopja tas-sentenza taghha tintbaghat lill-Qorti Istruttorja referenti, u li tigi wkoll inserita fil-process tal-istruttorja, bl-ispejjez jithallsu kollha minn Joseph Lebrun, u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:
"Illi, f'dan l-istadju, Joseph Lebrun ghadu ma tqieghedx taht att ta' akkuza, pero`, qed jissottometti li d-dritt li l-Avukat Generali jista' jezercita fil-futur li jqieghdu taht att ta' akkuza, jilledi d-dritt tieghu ghall-smiegh xieraq darba li l-Qorti Istruttorja iddecidiet li ma kienx hemm ragunijiet bizzejjed li hu jitqieghed taht att ta' akkuza.

"L-akkuzat, fil-fatt, qed jattakka l-provedimenti tal-artikolu 433 tal-Kodici Kriminali li jaghtu poter lill-Avukat Generali tar-Repubblika sabiex, inattez kull decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, ikun jista' jordna l-liberazzjoni tal-imputat u ma jqieghdux taht att ta' akkuza, anke f'kaz li dik il-Qorti tkun qieset li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-akkuzat jitqieghed taht att ta' akkuza, jew, min-naha l-ohra, billi jordna l-arrest mill-gdid ta' akkuzat u jpoggieh taht att ta' akkuza, avvolja l-imsemmija Qorti dehrilha li kellha tillibera l-akkuzat u ma tpoggiehx taht att ta' akkuza. L-akkuzat issostni li dan l-ahhar poter moghti lill-Avukat Generali jikser id-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq.

"Din il-Qorti ma taqbilx li dan il-poter moghti lill-Avukat Generali jista' b'xi mod jippregudika d-drittijiet tal-akkuzat. Il-fatt li Qorti Istruttorja jew l-Avukat Generali jiddeciedu li jpoggu persuna taht att ta' akkuza, ma jfissirx li huma jkunu qed jiddeterminaw il-htija ta' dik il-persuna. Meta dawn l-istituzzjonijiet ikunu hekk qed jagixxu ma jkunux qed jaghmluha ta' gudikanti fil-konfront tal-akkuzat. Id-decizjoni tal-Avukat Generali, *in partikolari*, li qieghed jew ma jqieghedx persuna taht att ta' akkuza, hija bazata fuq l-apprezzament li hu jkun ghamel tal-kaz *in kwistjoni*. Hu ma jkun qed jiddeciedi xejn, imma biss iqies jekk hemmx provi konkreti li jistghu jwasslu ghall-htija tal-akkuzat. Dan it-tip ta' apprezzament, jaghmlu kull Avukat anke f'materja civili. Meta klient javvicina Avukat biex jiftah proceduri kontra persuni ohra, hu dmir tal-Avukat li jevalwa l-fatti u l-ligi u jara jekk il-klient tieghu ghandux jew le kaz; f'kaz li,

fl-opinjoni tieghu, il-klient m'ghandux kaz, huwa fid-dmir li jaghti parir lill-klienti tieghu f'dan is-sens. Id-decizjoni tal-Avukat li jiftah il-kawza, min-naha l-ohra, ma hu ta' ebda pregudizzju ghal parti l-ohra. Bazikament, hu dan l-analizi li jaghmel l-Avukat Generali. Wara li l-Pulizija tressaq il-provi taghha, il-Qorti Istruttorja, fl-ewwel lok, u l-Avukat Generali, fit-tieni lok, huma fid-dmir li janalizzaw il-provi biex jaraw jekk hemmx lok li jittiehdu proceduri kriminali kontra l-akkuzat. Jekk tittiehed decizjoni li l-akkuzat jitpogga taht att tal-akkuza, l-akkuzat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali u l-kaz, hemmhekk, jigi trattat *ex novo*.

"Kemm il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja kif ukoll l-Avukat Generali, bid-decizjonijiet taghhom, ma jkunux qed juzurpaw l-funzjoni tal-Qorti Kriminali jew tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Il-fatt li l-Avukat Generali ma jaqbilx mal-pozizzjoni li tkun hadet il-Qorti Istruttorja, ma jfissirx li l-kaz tal-akkuzat gie pregudikat. Ghalkemm id-decizjoni taghhom mhix wahda superficjali, tittiehed fuq bazi *prima facie* u ma torbotx idejn il-Qorti aditta bil-kaz. F'dan l-istadju ma jkun qed jigi deciz xejn fil-konfront tal-akkuzat, u l-pozizzjoni tieghu tibqa' impregjudikata sal-gudizju finali quddiem Qorti ohra; kull ma jsir f'dan l-istadju hu li tittiehed decizjoni unilaterali li jinfethu proceduri kriminali formali kontra l-persuna akkuzata. Bhal kull kawza civili jew process kriminali, xi hadd irid jiddeciedi finalment jinfethux jew le dawk il-proceduri, u l-fatt li, fil-kamp kriminali, il-ligi thalli d-decizjoni finali f'idejn l-Avukat Generali ma jfissirx li l-akkuzat mhux se jkollu smiegh xieraq (ara bhala rifless fuq dan il-punt id-decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza "Busietta vs Avukat Generali et", deciza fid-19 ta' Mejju, 2005, (konfermata mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu, 2006) fejn gie enuncjat l-inapplikabilita' tal-provedimenti tal-imsemmi artikolu 6 fil-kuntest ta' proceduri ta' sfida taht l-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali, li wkoll tikontempla procedura intiza ghad-decizjoni biex jinbdew proceduri kriminali kontra persuna).

"Kif osservat l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Stephens vs Avukat Generali", deciza fl-14 ta' Frar, 2006,

*"Ghalkemm generalment jinghad li l-Qorti Istruttorja, fl-istadju kontemplat fl-imsemmi Artikolu 401(2), tiddeciedi fuq bazi prima facie, dan ma jfissirx li d-decizjoni hija wahda "superficjali". Ifisser biss li, jekk ikun hemm provi mressqa mill-prosekuzzjoni li a bazi taghhom l-imputat jista' jinstab hati ta' reat fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali, anke jekk hemm provi ohra li jistghu igibu fix-xejn dawk il-provi, il-Qorti Istruttorja ghandha xorta wahda tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza – ghax altrimenti l-Qorti Istruttorja tkun qed taghmel apprezzament tal-provi li jispetta biss lill-Qorti Kriminali jew lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali"*.

"L-istess osservazzjoni tista' ssir fil-konfront tal-Avukat Generali li, meta jpoggi persuna taht att ta' akkuza, bl-ebda mod ma jkun qed jassumi fuqu poteri ta' gudizzju li huma riservati biss f'idejn il-Qrati Kriminali.

"L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jesigi smiegh xieraq *"fid-decizjoni"* ta' xi *"akkuza"* kriminali; dan ifisser li r-regoli ta' smiegh xieraq ghandhom jigu applikati meta l-Qorti jew Tribunal adett ikun se jaghmel determinazzjoni finali dwar il-htiga *o meno* tal-akkuzat. F'dan l-istadju tal-process ma tittiehed ebda decizjoni, tant li kif osservat l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza ta' *"Stephens"* aktar qabel kwotata,

*""fl-ipotesi li dik il-Qorti kellha tasal ghall-konkluzjoni li ma kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza, il-"liberazzjoni" konsegwenzjali ma tammontax ghal "acquittal" izda tammonta biss ghal "discharge"*.

"Darba li l-process quddiem il-Qorti Istruttorja ma jistax iwassal ghal decizjoni ta' *"acquittal"*, ma tistax, f'dak l-istadju, tittiehed decizjoni fuq xi akkuza, li ghad tkun trid tinhareg kontra l-akkuzat.

"Il-procedura quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja tibda' b'rapport, ikkonfermat bil-gurament minn ufficcjal tal-Pulizija, u dik il-Qorti *"m'ghandhiex il-*

*kompetenza li taghti sentenzi"* – ara "Il-Pulizija vs Vella", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-11 ta' Gunju, 2004.

*"Kwindi*, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, invokat mill-akkuzat, ma hux applikabbli ghall-kaz.

"Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' Awissu, 2000, fil-kawza fl-ismijiet "Azzopardi vs Maltacom plc", fejn gie enuncjat il-principju li d-dritt ta' smiegh xieraq japplika biss f'kaz ta' proceduri li huma *"decisive for private rights and obligations"*. Anke, f'dan il-kaz, m'hemm xejn *"decisive"* fid-decizjoni li ha l-Avukat Generali, u hija fil-procedura li tista' twassal ghad-decizjoni fuq il-htija *o meno* tal-akkuzat, li l-principji ta' smiegh xieraq u *"equality of arms"* ghandhom isibu applikazzjoni.

"Hu veru li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea japplika ghal tul il-process kollu kriminali. Fil-fatt, l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick, fil-ktieb *"Law of the European Convention on Human Rights"* jghidu dan fuq il-materja (pag. 166 *et seq*):

*""Article 6(1) applies only when the applicant is charged with an offence, it does not extend to cases in which he brings a private prosecution in the enforcement of the criminal law. Nor does Article 6(1) apply just because the applicant's property is affected by a criminal charge against a third party. It also does not apply to proceedings that may result in the applicant being placed under police supervision with a view to the prevention of crime. Finally Article 6 does not apply to extradition proceedings… Like the word 'criminal', 'charge' has an autonomous Convention meaning. It is 'the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence' or some other act which carries 'the implication of such an allegation and which likewise substantially affects the situation of the suspect', not a 'formal', meaning, so that it is necessary 'to look behind the appearances and investigate the realities of the procedure in question'.*

*When doing so, the test is whether the applicant is 'substantially affected' by the steps taken against him. In practice, a person has been found to be subject to a 'charge' when arrested for a criminal offence; when officially informed of the prosecution against him; <u>when, in a civil law system, a preliminary investigation has been opened in his case and although not under arrest, the applicant has 'officially learnt of the investigation or begun to be affected by it'</u>; when authorities investigating customs offences require a person to produce evidence and freeze his bank account; when his shop has been closed pending the payment of a sum by way of friendly settlement or the outcome of criminal proceedings that would be instituted if the sum were not paid; and when the applicant has appointed a defence lawyer after the opening of a file by the public prosecutor's office following a police report against him. In the case of an MP with parliamentary immunity, the relevant date was that on which the prosecuting authorities requested parliament to lift the immunity"*.

"F'dan il-kaz, *pero'*, l-akkuzat mhux qed jilmenta mill-proceduri quddiem il-Qorti Istruttorja, izda minn decizjoni li hu jitqieghed taht att ta' akkuza. Din, *pero'*, hi biss decizjoni <u>li jitkomplew proceduri</u> kriminali kontra l-akkuzat, izda bl-ebda mod ma tinfluwixxi fuq il-htija *a meno* tal-akkuzat. Id-decizjoni <u>hi wahda amministrattiva</u> jew quasi-gudizzjarja, u ghal dik id-decizjoni ma japplikax l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u lanqas l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Wiehed jista' jargumenta li illum, fit-termini tal-artikolu 433 tal-Kodici Kriminali, id-decizjoni jekk persuna titqieghedx taht att ta' akkuza hija fdata kompletament f'idejn l-Avukat Generali (salv l-intervent tal-Qrati gudizzjarji meta jkun hemm sfida minn kwerelant), liema decizjoni jehodha wara li jezamina l-provi u *"jikkonsulta"* l-Qorti Istruttorja, *pero'*, d-decizjoni tibqa' wahda amministrattiva li bl-ebda mod ma tista' titqies li tista' tkun ta' pregudizzju ghad-dritt tal-akkuzat ghas-smiegh xieraq minn tribunal indipendenti. Id-decizjoni tal-Avukat Generali tista', f'kazijiet kongruwi, tkun soggetta ghall-*"review"* fit-termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, *pero'*, mhux *per se*

decizjoni li ghaliha japplikaw il-provedimenti tal-ligi fuq imsemmija.”

**L-appell**

**8.** Minn din is-sentenza appella Joseph Lebrun b’rikors ta’ l-10 ta’ Lulju 2006. Ghalkemm fl-imsemmi rikors huwa jelenka b’mod skematiku zewg aggravji, wiehed jista’ jirriassumi dawn l-aggravji f’aggravju wiehed u cioe` li l-procedura ta’ ri-arrest taht il-firma ta’ l-Avukat Generali u bil-qbil ma’ Imhallef hija fir-realta` parti integrali minn process gudizzjarju wiehed u ghalhekk l-istess garanziji impliciti fil-kuncett ta’ “smigh xieraq” kellhom japplikaw ukoll ghal dik il-procedura ta’ ri-arrest. Fir-risposta tieghu ghar-rikors ta’ appell, l-intimat Kummissarju tal-Pulizija fisser li fil-mument li tiskatta l-procedura msemmija fl-Artikolu 433(3) tal-Kodici Kriminali, ma jkun hemm ebda imputat ghax effettivament il-Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti Istruttorja) tkun illiberat (fis-sens ta’ “discharged”) li dak li jkun, u ghalhekk fil-kaz in dizamina Lebrun, meta gie ri-arrestat ma kienx ghadu *“charged”* ghall-finijiet ta’ l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Skond l-appellat, il-procedura skond l-imsemmi subartikolu (3) ta’ l-Artikolu 433 tal-Kap. 9 ma hija xejn hlief investigazzjoni, kondotta mill-Avukat Generali u minn Imhallef, bl-iskop li tigi ri-attivata l-istruttorja (li hija wkoll forma ta’ investigazzjoni gudizzjarja) u “huwa impensabbli li [l-appellant] jista’ jippartecipa fl-investigazzjoni, ossia investigazzjoni ulterjuri, sabiex jigi deciz ghandhomx jitkomplew il-proceduri fil-konfront tieghu.” Ikompli jghid l-appellat Kummissarju tal-Pulizija: “Kull Stat ghandu dritt, anzi obbligu u dover, li jkollu procedura sabiex jigu investigati reati biex ic-cittadini tieghu jkunu protetti bl-ahjar mod possibbli u difficilment wiehed jista’ jimmagina kif il-persuni li qed jigu investigati u indagati ghal xi reat jippartecipaw huma wkoll f’dawn l-investigazzjonijiet.” Huwa jenfasizza wkoll li fil-procedura taht l-imsemmi Art. 433(3) wiehed ma jistax jitkellem dwar l-Avukat Generali bhala *“iudex in causa propria”*, u dan ghas-semplici raguni li l-Imhallef “ghandu kontroll assolut dwar jekk il-proceduri jitkomplewx jew le u dan indipendentement mill-opinjoni ta’ l-Avukat Generali.”

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

**9.** Din il-Qorti, wara li semghet it-trattazzjoni ta' l-abbili difensuri tal-partijiet fl-udjenzi tat-12 u 23 ta' Ottubru 2006, u wara li ezaminat id-diversi sentenzi li ghalihom ghamlu referenza l-partijiet[6], kif ukoll diversi sentenzi ohra li xi whud minhom ser isir accenn ghalihom fl-odjerna sentenza, hi tal-fehma li ghar-risoluzzjoni tal-vertenza odjerna huwa importanti li wiehed jezamina ezatt in-natura tal-procedura istruttorja fis-sistema legali taghna. Dan qed jinghad in partikolari ghax, kif deher evidenti anke mit-trattazzjoni orali kif ukoll mir-rikors ta' appell, meta si tratta ta' allegazzjoni ta' ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni – artikolu li ghandu diversi subartikoli – mhux dejjem jew bilfors li l-kuncetti enuncjati f'sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem meta l-allegazzjoni tkun li gie vjolat subartikolu partikolari jew paragrafu partikolari ta' subartikolu partikolari, ikunu applikabbli ghar-risoluzzjoni ta' vertenza ippernjata fuq subartikolu jew paragrafu iehor. Hekk, per ezempju, biex jigi determinat jekk giex vjolat il-principju tal-presunzjoni ta' l-innocenza salvagwardat bis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 6, iz-zmien meta l-akkuza titqies li tkun giet maghmula jista' jinkludi anke zmien meta l-persuna in kwistjoni ma tkunx quddiem awtorita` gudizzjarja ghall-finijiet tad-"decizjoni" (*"determination"*) dwar dik l-akkuza izda biss ghall-finijiet ta' investigazzjoni (***Allenet de Ribemont v. France*** 10/2/1995[7]). Hekk ukoll, fir-rigward tad-dritt ghas-silenzju u li persuna ma tkunx obbligata li tinkrimina lilha nnifisha – dritt implicitu f'dak ta' "smigh xieraq" – gie ritenut li jista' jkun hemm ksur, fil-kors

[6] Ara in partikolari n-noti tat-23 ta' Ottubru 2006 ta' l-appellant u tas-27 ta' Ottubru 2006 tal-Kummissarju tal-Pulizija.

[7] Fin is-sentenza intqal, *inter alia*, hekk: "37. At the time of the press conference of 29 December 1976
Mr Allenet de Ribemont had just been arrested by the police .... Although he had not yet been charged
with aiding and abetting intentional homicide … his arrest and detention in police custody formed part of the judicial investigation begun a few days earlier by a Paris investigating judge and made him a person "charged with a criminal offence" within the meaning of Article 6 para. 2 (art. 6-2). The two senior police officers present were conducting the inquiries in the case. Their remarks, made in parallel with the judicial investigation and supported by the Minister of the Interior, were explained by the existence of that investigation and had a direct link with it. Article 6 para. 2 (art. 6-2) therefore applies in this case."

ta' investigazzjoni ta' natura penali, ta' l-Artikolu 6(1) anke jekk il-persuna koncernata ma tkunx eventwalment giet akkuzata b'xi reat li dwaru tkun giet imgieghla taghti dik l-informazzjoni (***Funke v. France*** 25/2/1993[8]).

**10.** L-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi li "Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragjonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi…" (sottolinear ta' din il-Qorti). "Smigh imparzjali" tfisser effettivament "smigh xieraq" – ara l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni fejn l-espressjoni fit-test ingliz "fair hearing" giet tradotta bil-malti ghal "smigh xieraq". Issa, fil-kaz in dizamina ma hemmx dubbju li l-appellant gie akkuzat b'reat, anzi b'diversi reati, u allura hemm akkuza kriminali. Dak li jrid jigi deciz huwa jekk f'dan il-kaz il-procedura ta' ri-arrest taht is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 433 hix deciziva, fis-sens li ghandha jew jista' jkollha piz konsiderevoli, fuq l-ezitu finali fir-rigward ta' l-akkuzi migjuba kontra Lebrun. Dan qed jinghad ghax huwa evidenti li hemm diversi proceduri ta' natura "penali" li ma humiex decisivi ghad-determinazzjoni ta' akkuza kriminali, bhal, per ezempju, l-proceduri ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest taht garanzija ("bail") jew ghar-revoka ta' dak il-helsien mill-arrest, u l-proceduri ta' sfida kontra l-Kummissarju tal-Pulizija skond l-Artikolu 541 tal-Kap. 9 (***Adrian Busietta v. L-Avukat Generali et*** Qorti Kost. 13/3/2006). Proceduri ghall-ghoti ta' l-ghajnuna legali f'kawzi penali jistghu ukoll jitqiesu li ma jkunux "decisive for the determination of a criminal charge"[9]. Hekk fil-fatt fis-sentenza tal-Qorti Europea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet ***Gutfruend v. France*** (12/6/2003) inghad hekk:

**"1. The Court notes at the outset that the applicant's complaint relates solely to the procedure for applying for legal aid. It must determine whether Article 6 § 1 of**

[8] Ara, pero`, d-distinzjonijiet maghmula in segwitu mill-Qorti ta' Strasbourg fil-kawzi ***Saunders v. UK*** 17/12/1996 u ***Allen v. UK*** 10/9/2002. Ara wkoll id-decizjonijiet tal-Kummissjoni ***Abas v. The Netherlands*** 26/2/97 u ***Cartledge v. UK*** 9/4/1997.
[9] Ara Reid K., **A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights** Sweet & Maxwell (London) 2004, p. 67, para. IIA-013.

**the Convention applies to that procedure. In doing so, it must determine whether or not the procedure concerned the "determination of [a] criminal charge" against the applicant or of his "civil rights and obligations".**

**"2. As regards the "determination of [a] criminal charge", the Court notes that the procedure for applying for legal aid only concerned the provision of legal assistance to the applicant, and not the establishment of guilt or the determination of the amount of the penalty. Nor did it touch upon the legal or factual merits (see *Delcourt v. Belgium*, judgment of 17 January 1970, Series A no. 11, pp. 13-15, § 25, and *Deweer v. Belgium*, judgment of 27 February 1980, Series A no. 35, pp. 24-25, § 48).**
**….**
**"3. Despite the refusal of legal aid, the applicant therefore had a choice in the light of what was at stake and the nature of the proceedings between appearing in person or being represented by a lawyer. He opted for the latter alternative. It follows that the refusal of legal aid had no bearing on the determination of the charges against the applicant, and indeed he did not dispute that.**

**"4. The Court concludes from the foregoing that the refusal of legal aid was not a decisive factor in the determination of the criminal charge against the applicant."**

**11.** Mill-banda l-ohra hemm il-proceduri ta' estradizzjoni li ghalkemm skond gurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg ma jgawdux mill-protezzjoni ta' l-Artikolu 6, din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali – irriteniet, minhabba disposizzjonijiet partikolari fil-ligi taghna, li jaqghu, fil-parti gudizzjarja taghhom[10], fl-ambitu tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni – ara ***Colin John Trundell v. Onorevoli Ministru ta' l-Affarijiet Barranin et*** Qorti Kost., 12 ta' April 1991.

[10] Jigifieri fir-rigward tal-proceduri quddiem il-Qorti Rimandanti.

**12.** Fis-sistema legali taghna, meta persuna tigi akkuzata mill-Pulizija Ezekuttiva b'reat li jeccedi l-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, il-Qorti tal-Magistrati tipprocedi ghall-kumpilazzjoni ossia istruttorja[11]. Fil-fatt il-Qorti tal-Magistrati ghandha zewg attribuzzjonijiet, wahda ta' qorti ta' gudikatura kriminali u ohra ta' qorti istruttorja[12]. L-istruttorja hija forma ta' investigazzjoni gudizzjarja li ghandha zewg skopijiet principali: (a) li jingabru u jigu preservati l-provi li eventwalment jingiebu quddiem il-Qorti u (b) li jigi deciz jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. Ghalkemm id-decizjoni tal-bidu, cioe` jekk persuna tigix akkuzata u b'liema reati tigi akkuzata hija mhollija esklussivament f'idejn l-Ezekuttiv (li jagixxi tramite l-Pulizija Ezekuttiva)[13], hija awtorita` gudizzjarja li trid tiddeciedi jekk, fid-dawl tal-provi li jkunu ingabru, hemmx jew le "ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza" (Art. 401(2), Kap. 9). Id-dicitura wzata mil-legislatur hija tali li tindika li l-Qorti Istruttorja, meta persuna tkun imputata b'aktar minn reat wiehed, m'ghandhiex toqghod tispigola jew tiddistingwi bejn reat u iehor: jew hemm ragunijiet biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza jew ma hemmx: fl-ewwel ipotesi tibghat lill-imputat biex jitqieghed taht dak l-att ta' akkuza, u, fit-tieni ipotesi, tordna l-liberazzjoni (*"discharge"*) tieghu. Pero` hemm ukoll it-tielet possibilita`, u cioe` dik kontemplata fl-Artikolu 403(1): li l-Qorti Istruttorja jidhrilha li ma hemm ebda reat li hu ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali izda li hemm reat (wiehed jew aktar) ta' kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-attribuzzjoni taghha ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali – f'din it-tielet ipotesi, il-Qorti tikkonverti ruhha f'tali Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u tiddeciedi definittivament, cioe` fil-meritu, fuq dak ir-reat (jew dawk ir-reati) ta' kompetenza inferjuri.

---

[11] Art. 389, Kap. 9.

[12] Art. 367(1), Kap. 9.

[13] Salv certi eccezzjonijiet li ma hemmx ghalfejn wiehed jidhol fihom ghall-finijiet ta' din is-sentenza, bhal fil-kaz ta' proceduri ta' sfida, gja msemmija, fil-kaz fejn hi mehtiega l-kwerela tal-parti privata u fil-kaz ta' certi ligijiet li jirrikjedu l-awtorizzazzjoni jew il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex il-Pulizija Ezekuttiva tkun tista' tipprocedi. Ara wkoll l-Artikoli 4, 373, 543 u 544 tal-Kap. 9.

**13.** Mid-diversi disposizzjonijiet li jirregolaw l-istruttorja, huwa car li l-legislatur ried li din l-"investigazzjoni gudizzjarja" issir fil-kontradittorju (*"adversarial system"*) u ghalhekk bis-salvagwardji kollha ta' smigh xieraq applikabbli ghal proceduri li jkunu qed jinstemghu minn Qorti ta' Gustizzja Kriminali li tkun ser tiddeciedi l-meritu (il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, il-Qorti Kriminali u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali). Sinjifikanti huwa l-fatt li, ghalkemm fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 401(2) tal-Kodici Kriminali, il-Magistrat jiddeciedi biss fuq bazi ta' *prima facie* – komparabbli ma' decizjoni fil-kamp civili, li tittiehed kemm mill-Prim Awla u kemm mill-Qorti ta' l-Appell ghal diversi finijiet, li hemm *probabilis causa litigandi*[14] – u minghajr ma l-istess Magistrat jaghmel valutazzjoni tal-provi biex jara lil min jemmen jew, f'kaz ta' zewg versjonijiet opposti, liema versjoni ghandha tregi, fl-istruttorja il-Qorti hi obbligata li tigbor u tikkonserva wkoll il-provi mressqa mill-imputat jekk dan jaghzel li jressaq tali provi f'dana l-istadju. Addirittura, jekk il-Qorti Istruttorja tirrifjuta, minghajr raguni valida, li tisma' l-provi migjuba mill-imputat, tali nuqqas jitqies bhala difett li jista' jwassal ghan-nullita` ta' eventwali Att ta' Akkuza[15]. Dan hu hekk, mhux ghax il-Qorti Istruttorja, meta tigi biex tiddeciedi jekk hemmx jew le ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza, ghandha tiehu kont tal-provi mressqa mill-akkuzat – hija ghandha tqis biss il-provi migjuba mill-prosekuzzjoni – izda ghax b'dak in-nuqqas il-posizzjoni ta' l-akkuzat tista' tkun giet pregudikata, kwantu ghall-produzzjoni tal-provi quddiem il-Qorti Kriminali, irrimedjabbilment.

**14.** Fid-dawl ta' dan li ghandu kif inghad, ghalhekk, meta l-Qorti Istruttorja tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza, galadarba d-decizjoni hija wahda fuq bazi *prima facie* u minghajr ma jkun ittiehed kont tal-provi mressqa mid-difiza anke jekk dawn ikunu hekk tressqu fl-istadju tal-istruttorja, ma jistax jinghad li dik id-decizjoni hija "decisive for the determination of the criminal charge". Dik id-decizjoni la

[14] Artikoli 904 u 919 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.
[15] Ara l-Artikolu 597(4) tal-Kap. 9.

tidhol fil-meritu u anqas tista’ tincidi fuq il-meritu – dejjem, s’intendi jekk il-gudikant ma jkunx esprima ruhu b’tali mod li jkun qal aktar minn dak li kien mehtieg li jghid. Huwa proprju ghalhekk li, fuq rinviju ghall-gudizzju maghmul mill-Avukat Generali skond l-Artikoli 370(3) jew 433(5) tal-Kodici Kriminali, l-istess Magistrat li jkun iddecieda li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta’ akkuza jista’ in segwitu jiddeciedi fil-meritu.

**15.** Issa, jekk il-Qorti Istruttorja tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta’ akkuza – decizjoni li, kif rajna, ma hijiex “decisive for the determination of the criminal charge” – l-Avukat Generali, li lilu l-legislatur afda bir-responsabbilta` tal-prosegwiment tal-prosekuzzjoni fil-kaz li jkun, jista’ jaghmel wahda minn erba’ affarijiet. Huwa jista’ ma jaqbilx mal-Qorti Istruttorja – wara li jezamina l-atti, u possibilment anke fid-dawl ta’ provi ohra li huwa jkun gabar skond l-Artikolu 435(1) tal-Kap. 9, huwa jista’ jkun tal-fehma li ma hemmx effettivament ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta’ akkuza. F’dan il-kaz huwa l-istess Avukat Generali li jordna l-liberazzjoni (*“discharge”*) ta’ l-imputat, jaghmel dikjarazzjoni f’dan is-sens fil-Qorti Kriminali (Art. 433(1)) u jibghat rapport lill-President ta’ Malta bir-ragunijiet ghala jkun mexa hekk (Art. 433(4)). Jista’ wkoll – din hi t-tieni linja li l-Avukat Generali jista’ jiehu – jidhirlu li ghandu bzonn li l-Qorti Istruttorja tigborlu aktar provi, u ghalhekk jipprocedi skond l-Artikolu 405(1). Jekk l-Avukat Generali jkun tal-fehma li l-attijiet ta’ l-istruttorja jkunu difettuzi, huwa jista’, skond l-Artikolu 432(2) tal-Kodici Kriminali, jibghat l-attijiet lura lill-Qorti Istruttorja biex din jew tibda mill-gdid il-kumpilazzjoni (jekk id-difett ikun wiehed radikali) jew biex l-atti jigu kkoregguti, u l-Qorti Istruttorja ghandha hamest ijiem zmien[16] biex taghlaq il-kumpilazzjoni gdida jew tikkoregi l-atti skond il-kaz. Fl-ahharnett – ir-raba’ *option* – l-Avukat Generali jista’, flok jippresenta att ta’ akkuza quddiem il-Qorti jirrinvija ghall-gudizzju quddiem il-Qorti tal-Magistrati skond l-Artikoli 370(3) jew 433(5) gja msemmija. Huwa evidenti li ebda wahda minn dawn id-decizjonijiet ta’ l-Avukat Generali –

[16] Prorogabbli mill-President ta’ Malta – Art. 432(3), Kap. 9.

decizjonijiet eminentement prosekutorjali – ma jiddeterminaw b'xi mod l-akkuza jew akkuzi kontra l-imputat. Anke fil-kaz li l-Avukat Generali jipprezenta *nolle prosequi* quddiem il-Qorti Kriminali skond l-Artikolu 433(1) gja msemmi, il-liberazzjoni hija *"discharge"* u mhux *"acquittal"* u ghalhekk il-persuna hekk illiberata tibqa' dejjem soggetta "…ghall-procedura mill-gdid, li tinbeda regolarment quddiem il-Qorti tal-Magistrati, kull meta jinqalghu provi godda…" (Art. 434).

**16.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, pero`, l-posizzjoni hija differenti meta l-Qorti Istruttorja tkun iddecidiet li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. F'dan il-kaz tali decizjoni hija, jekk ma jsir xejn in segwitu ghaliha, "decisive for the determination of the criminal charge" ghas-semplici raguni li l-proceduri penali fuq dawk l-atti u b'dawk il-provi li kellha quddiemha l-Qorti Istruttorja[17] jieqfu definittivament b'tali mod li la l-Qorti Kriminali u anqas il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma jkunu jistghu qatt jaslu biex isibu htija fil-konfront ta' l-imputat. Isegwi necessarjament ghalhekk li l-procedura li twassal ghad-decizjoni biex fuq dawk l-atti u b'dawk il-provi jkun jista' xorta wahda jinhareg att ta' akkuza huma procedura u decizjoni "decisive for the determination of the criminal charge". Fir-realta` -- u kif generazzjonijiet ta' studenti tal-ligi dejjem gew mghallma -- il-procedura skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 433 ma hi xejn ghajr forma ta' "appell" li l-Avukat Generali jaghmel *in camera* u "privatament" quddiem Imhallef li jaghzel hu stess biex jannulla d-decizjoni tal-Qorti Istruttorja. Fil-kaz in dizamina l-appellant ma hux jilmenta mill-indipendenza jew mill-imparzjalita` ta' l-Imhallef; huwa qieghed semplicement ighid li decizjoni li hija deciziva ghall-eventwali determinazzjoni tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, ttiehdet minghajr ma hu kellu l-icken opportunita` li jinfluwenza dik id-decizjoni. Issa huwa minnu, kif tajjeb gie osservat mid-difensur ta' l-appellat fil-kors tat-trattazzjoni ta' l-appell, li anke d-decizjoni biex persuna tigi arrestata jew imputata hija decizjoni li tista' tincidi fuq l-eventwali determinazzjoni tal-akkuzi fis-sens li

[17] Jekk jinstabu provi godda, kif diga` rajna, jistghu jinbdew proceduri godda.

tali decizjoni teffetwa l-posizzjoni tal-imputat, u li hadd ma jghaddilu minn mohhu li, qabel ma persuna titressaq il-Qorti akkuzata b'reat, hija ghandha tigi b'xi mod ikkonsultata jew moghtija l-possibilita` li tesprimi l-fehma taghha. Pero` fil-kaz in dizamina ghandna procedura – l-istruttorja, investigazzjoni gudizzjarja – li l-legislatur stess ried li ssir fil-qorti bil-miftuh, fil-kontradittorju u b'dawk is-salvagwarji kollha (assistenza legali, dritt ta' kontro-ezami, dritt tas-silenzju, ecc.) konkomitatnti mad-dritt ghal smigh xieraq. Fid-dawl ta' dawn is-salvagwardji voluti mill-istess legislatur ghall-istadju ta' l-investigazzjoni gudizzjarja, tikkozza mar-rekwizit ta' smigh xieraq, li ghandu jipperdura ghal matul il-proceduri gudizzjarji kollha, il-procedura essenzjalment ta' appell (u intiza biex id-decizjoni gudizzjarja li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza tigi riveduta u possibilment mibdula) li ssir b'mod sigriet u billi jitwarrbu kompletament dawn l-istess salvagwardji. Ghalkemm jista' jigi argumentat li din il-procedura, li ilha fis-sehh sa minn meta gie promulgat il-Kodici Kriminali fit-30 ta' Jannar 1854[18], qatt ma giet ikkontestata qabel, jibqa' l-fatt li llum kwalsiasi procedura ghad-determinazzjoni ta' akkuza kriminali trid tkun konformi ma', fost disposizzjonijiet ohra, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li qed jinvoka l-appellant. Wiehed m'ghandux jinsa, inoltre, li sat-30 ta' Gunju 1993[19] il-Kodici Kriminali kien "protett" minn kull possibilita` ta' indagini dwar allegat ksur tad-drittijiet fondamentali kontenuti fil-Kostituzzjoni. Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni japplikaw wkoll ghall-istadju kopert bil-procedura ta' "appell" mid-decizjoni tal-Qorti Istruttorja li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex imputat jitqieghed

---

[18] Meta gie hekk promulgat il-Kodici Kriminali, id-disposizzjoni in kwistjoni kienet tinsab fl-Artikolu 374, u kienet tipporvdi hekk: "Infine potra` [l'avvocato della corona] spedire, entro dodici giorni dal di` in cui gli fossero stati rimessi gli atti della istruzione, un mandato sotto la sua firma per l'arresto di qualunque persona liberata dalla corte della polizia giudiziaria, contro la quale, deliberanso su quegli atti in privata consultazione con due del corpo deo magistrati della polizia giudiziaria, sia dell'isola di Malta sia del Gozo, che non avessero avuto parte nella liberazione, egli unanimamente con tali due magistrati, credesse risultare sufficienti ragioni per fare sottostare tale persona ad un atto di accusa. In questo caso il termine per la presentazione dell'atto di accusa correra` dal giorno dell'arresto."

[19] Ara l-emenda introdotta fis-subartikolu (7) ta' l-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni bl-Artikolu 4 tal-Att XIX ta' l-1991.

taht att ta' akkuza. Bhala konsegwenza, f'kaz bhal dak in dizamina, il-hrug ta' att ta' akkuza jew, bhalma gara f'dan il-kaz, it-tkomplija ta' l-istruttorja bil-gbir ta' aktar provi, x'aktarx ser jilledi d-dritt ta' l-appellant Lebrun kif protett bl-imsemmija zewg disposizzjonijiet. Jigi pprecizat li fil-fehma tal-Qorti huma l-procedura ta' konsultazzjoni fil-privat ma' Imhallef maghzul mil-Avukat Generali abbinat mat-tkomplija tal-istruttorja kif ukoll il-konsegwenzjali hrug tal-att ta' akkuza (li f'dan il-kaz ghadu ma nharigx) li x'aktarx li jkunu lezivi ta' dana id-dritt, u mhux is-semplici fatt *per se* li l-appellant Lebrun rega' tressaq quddiem il-Qorti taht arrest. L-appell, ghalhekk, hemm lok li jintlaqa' fis-sens infraskritt.

**Decide**

**17.** Jibqa', ghalhekk, biex jigi determinat x'direttivi din il-Qorti ghandha taghti lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja (li ghamlet ir-referenza kostituzzjonali) biex b'hekk jigu tutelati d-drittijiet ta' l-appellant, minghajr izda ma jigu lezi irragonevolment id-drittijiet tas-socjeta` u ta' l-Avukat Generali, li mexa strettament ma' procedura inveterata li qatt ma giet kontestata qabel. Ghalhekk, il-Qorti, filwaqt li qed takkolji l-appell u thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Gunju 2006, tipprovdi hekk:

(a) tiddikjara li l-procedura ta' konsultazzjoni fil-privat ta' l-Avukat Generali ma' Imhallef maghzul minnu skond l-Artikolu 433(3) tal-Kodici Kriminali abbinat mat-tkomplija ta' l-istruttorja in segwitu ghal dik il-procedura, u l-eventwali hrug ta' att ta' akkuza x'aktarx ser jiksru d-dritt ta' l-appellant Joseph Lebrun ghal smigh xieraq kif garantit bl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;
(b) tordna li l-proceduri kontra l-appellant Joseph Lebrun quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja (presjeduta mill-Magistrat Dott. Antonio Mizzi) ghandhom jibqghu pendenti *sine die* ghal periodu ta' tliet xhur mill-lum; u
(c) jekk sa tmiem dak il-perjodu ma tkunx giet fis-sehh u ma tkunx giet applikata fil-konfront ta' l-appellant

Lebrun u b'referenza ghall-proceduri *de quo* procedura ghar-revizjoni, u possibilment varjazzjoni, tad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja tat-23 ta' Novembru 2005 li tkun konformi ma' dak li nghad aktar 'l fuq f'din is-sentenza fir-rigward tal-Artikoli 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament, il-Qorti Istruttorja riferenti ghandha terga' tqieghed lill-imsemmi Joseph Lebrun fil-posizzjoni li kien fiha minnufih wara li nghatat l-imsemmija decizjoni tat-23 ta' Novembru 2005.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, kemm quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll ta' l-appell, ghandhom jigu sopportati mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Fl-ahharnett il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur lill-i*Speaker* tal-Kamra tar-Rappresentanti konformement ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 242(1) tal-Kap. 12.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------